.

# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Frar, 2002**

**Numru 15**

**Cit. Nru. 150/00(F1) GCD**

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Tony Gambin**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma komplessiva ta' elf disa' mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm1,965), in kwantu ghas-somma ta' elf disa' mija u erbatax-il lira Maltin (Lm1,914) prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut u in kwantu ghal wiehed u hamsin lira Maltin (Lm51) rapprezentanti imghaxijiet legali dovuta sallum fuq dan l-ammont, b'rizerva ghall-imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv;

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat ihallas baqa' inadempjenti; u

Illi dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega biex jigi dispensat is-smigh a tenur ta' l-artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan in vista tal-affidavit anness mac-citazzjoni u markat Dokument "X";

Talbet illi din il-Qorti:

1. tordna li l-kawza ghandha ssir bid-dispensa tas-smigh; u

2. tikkundanna lill-konvenut, bhala debitur tas-socjeta` attrici, ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma komplessiva ta' elf disa' mija hamsa u sittin lira (Lm1,965) in kwantu ghal elf disa' mija u erbatax-il lira (Lm1,914) prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut u in kwantu ghal wiehed u hamsin lira (Lm51) rapprezentanti imghaxijiet legali dovuta sallum fuq dan l-ammont.

Bl-ispejjez, u b'rizerva ghall-imghaxijiet ulterjuri mid-data tallum sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Luciano Martinelli u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut baqa' ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm